


# Il-Misteru tal-Madonna ta' Villavicentio

*Minn Dun Gino Gauci*

Fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun jinsabu ħafna teżori tal-arti li spiss jiġri li jintesew jew li wieħed jintebaħ bihom għax xi ħadd ieħor jiskopri l-valur artistiku u storiku tagħhom. F'dawn l-aħħar snin Charlene Vella, studenta fid-Dipartiment ta' l-Istorja tal-Arti fl-Univers*ità* ta' Malta, kienet qiegħda tagħmel riċerka dwar il-Kuntest tal-Mediterran fl-Arti u l-Arkitettura Medjevali Maltija mill-1091 sal-1530. Kwadru ta' dan iż-żmien li dejjem qajjem interess u dubji dwar l-istorja tiegħu hija l-pittura fuq l-injam li turi l-Madonna bit-tarbija Ġesù fuq ħoġorha. Dan huwa *sotto quadro* li qiegħed taħt il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju tal-istess altar.

Minħabba l-fatt li hemm kitba żgħira u xi ittri bil-Latin fuq il-kwadru li jsemmu lil ċertu Fra d. Pedro de Villavicentio bid-data 1672, għal ħafna żmien konna norbtu dan il-kwadru ma' dan il-pittur. Konna nafu li Villavicentio kien kavallier Spanjol tal-Ordni ta' San Ġwann u li anki kien midħla hawn Malta tal-ħanut ta' Mattia Preti. Iżda dejjem kien hemm id-dubju dwar l-istil ta' din il-Madonna u ż-żmien li fih kien jgħix Villavicentio, is-seklu sbatax. Jeżistu kopji oħra ta' din il-Madonna u għalhekk konna naħsbu wkoll li Villavicentio seta' ffirma kopja li għamel hu ta' din il-Madonna. Iżda meta tqabbel dan il-kwadru taż-Żejtun mal-kopji l-oħra malajr tinduna li din hija bil-wisq ta' valur artistiku mill-kopji l-oħra. Tant hu hekk li fl-1979 Mario Buhagiar kien iġġudika x-xogħol ta' Villavicentio bħala kopja ta' pittura mitlufa minn artist Sqalli. Fir-riċerka li għadha sejra Vella ssostni li l-kitba turi l-isem tal-Capitano fra Don Pedro da Villavicentio u d-data 1672.

Ritratt bir-raġġi *Infra Red* li juri l-ħsara fil-parti t'isfel tal-mant, uħud mill-istilel u rtokki kbar li qed jgħattu ż-żebgħa oriġinali.

Il-kwadru jmur lura ħafna minn din id-data. Infatti għalkemm din il-pittura hija dokumentata għall-ewwel darba fl-1628, jidher minn dokumenti fl-arkivji dwar iż-żjarat pastorali tal-Isqof Tommaso Gargallo fiż-Żejtun li din kienet tinsab fil-knisja l-qadima ta' Santa Katarina (illum imsejħa ta' San Girgor). Vella tkompli tgħid li din kienet tagħmel parti minn trittiku u fuq kull naħa kellha kwadru ta' San Pawl u ieħor ta' Santa Katarina li llum it-tnejn huma mitlufa. Hija tinnota wkoll li meta l-Isqof Cocco-Palmieri żar iż-Żejtun fl-1693 sab li din il-Madonna kienet ġiet restawrata minn ċertu 'Fra Pietro Villavicente'. Għalhekk illum nistgħu ngħidu li l-misteru dwar Villavicentio u l-firma tiegħu fuq il-kwadru huwa solvut. Huwa kien biss irrestawra l-kwadru u l-ittri bil-Latin li għadhom ma ġewx eżattament deċifrati jfissru x-xogħol tiegħu fuq dan il-kwadru.



Waqt li kienet qiegħda ssir din ir-riċerka storika fuq dan il-kwadru l-interess biex inkunu nafu iżjed dwaru kiber tant li d-Dipartiment tal-Istorja tal-Arti bi ftehim mal-parroċċa, beda studju aktar fil-fond, din id-darba fuq livell xjentifiku.

Id-Ditta tar-Restawr ReCoop għamlet studju fotografiku waqt li *samples* tal-kulur intbagħtu Firenze fl-Opificio delle Pietre Dure biex jiġu analizzati. Minn dan l-istudju ħareġ li partijiet kbar tal-kwadru ġew minsusa u saħansistra nstab li l-mant tal-Madonna oriġinalment kien dekorat bi stilel tad-deheb li kollha ġew mgħottija. Għad irid jiġi stabbilit liema kien l-intervent ta' Villavicentio u kemm-il restawr sar mis-seklu sbatax 'il hawn. Dan jitlob aktar studju fil-fond u fit-tul u piż finanzjarju li bħalissa l-parroċċa ma tifilħux. Iżda b'xorti tajba



**Is-sotto quadro tal-Madonna u t-tarbija Ġesù.**



*Il-kitba li turi l-isem tal-Capitano fra Don Pedro da Villavicentio u d-data 1672.*



*Ritratt bir-raġġi Infra Red li juri l-ħsara fil-parti t'isfel tal-mant, wħud mill-istilel u rtokki kbar li qed jgħattu iż-żebgħa oriġinali.*

sibna l-għajnuna tal-Banif Bank u anki tal-Universi*tà* ta' Malta biex din ir-riċerka ma tiqafx u r-restawr fuq dan il-kwadru jsir u jiġi salvat. Infatti, minbarra xogħol fuq iż-żebgħa tiegħu trid issir manutenzjoni u tisħiħ tal-injam li fuqu mpitter u wkoll tal-kaxxa li huwa marbut magħha. Għalkemm il-misteru madwar il-pittur Villavicentio huwa solvut żgur li r-restawr tal-kwadru ser jikxef informazzjoni oħra dwar il-veru pittur li għamlu, minn fejn ġie u forsi wkoll data aktar preċiża ta' meta sar.

Dun Gino Gauci

---

Ħajr lid-Dipartiment tal-Istorja tal-Arti u b'mod speċjali lil Ms Charlene Vella tal-informazzjoni storika meħuda mit-teżi (M.A. 2010) tagħha dwar "Il-Kuntest tal-Mediterran fl-Arti u l-Arkitettura Medjevali Maltija mill-1091 sal-1530"

Ħajr ukoll lill-Banif Bank u 'l-Universi*tà* ta' Malta għall-għajnuna finanzjarja u teknika li lesti joffru fir-restawr ta' dan il-kwadru.

Nirringrazzjaw lill-fotografi:

**Frank Marsh, Mario Cocker** u **Joseph Mifsud**
għar-ritratti li tawna sabiex jintużaw f'din il-ħarġa.

L-Editur

